

# Messaġġi ewlenin għall-ispeċjalisti tal-mard infettiv tal-isptar

## Kompiti

- Il-kompiti tiegħek relatati mat-titjib tal-użu tal-antibijotiċi jinkludu [31,56,68,71,83]:
  - Tipparteċipa fit-tim għall-kontroll tal-antibijotiċi, bħala membru ewlieni tat-tim;
  - Tikkollabora mal-ispjazzar tal-isptar u l-mikrobijologist kliniku biex timplimenta l-programm ta' kontroll tal-antibijotiċi;
  - Tikkonsulta mal-preskriventi tal-isptar u tagħtihom rispons biex tiżgura l-kwalità tal-preskrizzjoni tal-antibijotiċi;
  - Teduka lill-preskriventi tal-isptar dwar kif għandhom jiddijanostikaw u jikkuraw infezzjonijiet komuni u dwar il-prinċipji tal-kontroll tal-antibijotiċi;
  - Timplimenta linji gwida għall-antibijotiċi tal-isptar ibbażati fuq l-evidenza għal infezzjonijiet komuni u għal profilassi kirurġika;
  - Taqsam informazzjoni dwar il-mikrobijoloġija lokali u x-xejriet tar-reżistenza għall-antibijotiċi; u,
  - Tiġġestixxi l-formularju tal-antibijotiċi tal-isptar tiegħek (jiġifieri, l-lista ta' mediċini disponibbli għall-preskriventi).

## Affarijiet li tista' tagħmel jew tikkollabora fuqhom

- Tappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programm tal-amministrazzjoni tal-antibijotiċi fl-organizzazzjoni tiegħek [69].
- Tippromwovi linji gwida lokali dwar il-ġestjoni tal-infezzjonijiet u l-użu tal-antibijotiċi. Dawn għandhom ikunu disponibbli faċilment u b'mod affidabbli għall-fornituri kollha tal-kura tas-saħħa [56,69].
- Iċċekkja li l-preskrizzjonijiet tal-antibijotiċi jsegwu protokoll tal-kuri bl-antibijotiċi, ibbażati fuq linji gwida bbażati fuq l-evidenza. Jekk tara membri tal-persunal fi sptar jew f'ambjent tal-kura tas-saħħa li jiksru l-linji gwida jew protokoll, staqsihom għaliex qegħdin jagħmlu dan u ipprovdihom b'għodod biex jifhmu x'inhuma qegħdin jagħmlu ħażin [69] [kunsens tal-esperti].
- Ipprovi rispons u pariri lill-preskriventi dwar l-evalwazzjoni dijanjostika u l-kura tal-mard infettiv [83].
- Ħarreġ b'mod regolari lill-preskriventi tal-isptar dwar l-użu prudenti tal-antibijotiku u pparteċipa f'laqgħat dwar l-implimentazzjoni ta' linji gwida tal-antibijotiċi tal-isptar ibbażati fuq l-evidenza [31,53]